Numru 234

DIKJARAZZJONI TA' TRASFERIMENT CAUSA MORTIS

Insinwa: 2135/1997 24-12-97

Fis-sbatax (17) ta' Dicembru [illegible] mija u sebgha [illegible]

Quddiemi Nutar Mariosa Grech dehru personalment wara li vverifikajt l-identita' taghhom permezz tad-dokumenti ufficjali aktar 'il quddiem indikati:

Maria armla ta' Francis Falzon, bint il-mejtin Francis Portelli u Rose nee' Muscat, imwielda n-Nadur, Ghawdex u residenti 145 Triq San Blas, in-Nadur, Ghawdex, karta tal-identita' numru 59025(G); 1 Teresa mart Coronato Cardona karta tal-identita' numru 25852(G), 2 Michael'Angelo haddiem karta tal-identita' numru 51156(G), 3 Consiglia mart Joseph Sultana, karta tal-identita' numru 48561(G), 4 Domenic suldat mal-Forzi Armati ta' Malta karta tal-identita' numru 62[illegible](G) 5 Peter Paul suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, karta tal-identita' numru 49263(G), ahwa Falzon, ulied il-mejjet Francis Falzon u Maria nee' Portelli, mweldin u residenti n-Nadur, Ghawdex minbarra 'l hawn taht imsemmija Rose li toqghod Mebourne, Australia; Il-fuq imsemmija Consiglia mart Joseph Sultana oltre f'isimha proprio qed tidher fuq il-prezenti att ukoll fl-isem u fl-interess ta' ohtha Rose mart Raymond Engerer, bint il-mejjet Francis Falzon u Maria nee' Portelli, u fl-isem u fl-interess ta' Daniel guvni bla okkupazzjoni, Brian guvni minuri, Franklin u Felix, dawn iz-zewgt ahwa subien huma t-tnejn minuri, dawn l-e[illegible] ahwa Falzon, ulied il-mejjet Joseph Falzon u Margaret nee' Sciteri, mweldin kollha Victoria Ghawdex minbarra Daniel li twieled Melbourne, Australia u dawn kollha residenti Sannat, Ghawdex;

Il-komparenti jiddikjaraw illi fit-tmienja u ghoxrin (28) t'Awissu elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fl-eta' ta' tnejn u disghin (92) sena fl-Isptar Generali ta' Victoria, Ghawdex, miet Francis Falzon, gja pensjonant, bin il-mejtin Michael'Angelo u Teresa nee' Portelli, imwieled in-Nadur, Ghawdex u residenti fid-dar numru mija u hamsa u erbghin (145) Triq San Blas, in-Nadur, Ghawdex, kellu karta tal-identita' numru 5405(G);

L-imsemmi Francis Falzon irregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta li hu ghamel ma' martu Maria Falzon fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo fis-sitta (6) t'Awissu elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) li permezz tieghu halla l-uzufrutt tal-beni tieghu kollha a favur martu Maria Falzon filwaqt li halla lil uliedu kollha bhala werrieta universali fi kwoti ndaqs bejniethom;

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre

L-imsemmi Francis Falzon kien jipposjedi s-segwenti beni mmobbli u cioe':

(1) Id-dar tal-kamra tintuża minnu bhala residenza tieghu fiena dar ghandha n-numru mija u hamsa u erbghin (145) Triq San Blas, in-Nadur, Ghawdex, u mandra maghha annessa minn wara, l-intier tal-valur ta' tnejn u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm22,000).

(2) Bicca raba' maghrufa bhala "Ta' Hida" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u disgha u tmenin punt sitta metru kwadru (189.6 m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Pawlu Portelli, u mill-punent u mill-lvant ma' beni ta' terzi mhux maghrufa, tal-valur ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) u kif ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A;

Wara li l-valur totali tal-beni jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf u seba' mitt Lira Maltin (Lm22,700) u wara tiehu in konsiderazzjoni l-ezenzjoni tad-dar tar-residenza tad-decujus u wara jitnaqqas il-valur tal-uzufrutt tal-armla tal-mejjet li ghandha wiehed u sebghin (71) sena, jirrizulta illi l-ammont li hu taxxabbli huwa ta' hdax-il elf erba' mija u tletin Lira Maltin (Lm11,430). Mela t-taxxa dovuta fuq dan l-ammont hija ta' tmien mija u hames Liri Maltin (Lm805). Minn dawn trid titnehha ezenzjoni ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) peress illi din id-dikjarazzjoni ta' Trasferimenti Causa Mortis saret fi zmien stipulat mil-ligi. Mela l-ammont ta' taxxa dovuta fuq dan l-att hija ta' mija u hames Liri Maltin (Lm105);

Ghaldaqstant l-imsemmija komparenti Falzon jiddikjaraw illi huma resqu ghal dan l-att dikjaratorju sabiex jottempraw ruhhom mal-impozizzjonijiet tal-artikolu tlieta u tletin (33) ta' l-att numru sbatax (XVII) tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, u ghall-fini tal-istess att qieghed jigi dikjarat illi l-valur moghti lill-propjeta' fuq deskritta huwa gust u reali, u dan wara li jiena, Nutar sottoskritta, fissirtilhom l-importanza tal-veracita' ta' dan id-dikjarazzjoni estimativa taghhom. Fl-ahhar nett il-komparenti jiddikjaraw illi huma ddeskrivew fedelment il-konsistenza tal-immobbli devoluta mill-wirt tal-imsemmi Francis Falzon kif fuq inghad, u jirriservaw id-dritt li f'kull zmien jikkoregu dina d-dikjarazzjoni f'kaz li huma nkorrew f'xi inezattezza jew omissjoni.

Dan l-att gie maghmul, moqri u ppublikat wara cerzjorazzjoni skond il-ligi,

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre